**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-30 ta' Mejju 2016

Talba Numru: 613/2015

Numru fuq il-Lista:

**Anthony Attard** K.I. 312269(M) u
martu **Antonia Attard** K.I. 239171(M)

**vs.**

**Donald Vella** K.I. 295971(M)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015, illi permezz tiegħu l-atturi talbu l-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' sitt mija u sebgħa u għoxrin ewro (€627.00), liema ammont in kwantu għas-somma ta' €475.00 jirrappreżenta self brevi manu u €152.00 jirrappreżenta imgħax li ddekkorra sal-lum.

Dan id-dejn jirriżulta anke minn sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Donald Vella fejn il-konvenut kien akkużat u nstab ħati fuq kwerela tal-atturi.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġiet debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-atturi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-atturi is-somma ta' sitt mija u sebgħa u għoxrin ewro (€627.00), bl-imgħax legali dekorribbli mit-28 ta' Lulju 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra ifficċjali fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur